MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 15/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Ottubru, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Emanuela Cauchi u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew lil ibnu fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta sabet lill-appellant hati w ikkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tibdel, tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma w timmodifika l-piena li giet inflitta w minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-appellant u stante li d-detenzjoni tista' tkun ta' detriment ghal sahhet l-appellant.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u martu Emanuela ilhom separati zmien u b'kuntratt ta' separazzjoni bejniethom gie stipulat l-ammont ta' manteniment dovut lil Emanuela kif ukoll lill-ibnu. Wara xi zmien is-sitwazzjoni finanzjarja tal-appellant marret ghall-ghar, wara li fit-8 ta' Marzu 2007, gie "borded out" mix-xoghol ghar-ragunijiet medici. Il-kundizzjoni medika tieghu kompliet sejra ghall-ghar tant illi llum jinsab f'sitwazzjoni illi ma jistax jahdem (ara certifikat konsulent psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino 7 ta' Frar 2007).

Madankollu martu Emanuela kompliet tinsisti li hi kellha tircievi manteniment shih kif ordnat mill-Qorti fit-30 ta' Novembru 2005 u konfermat mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Dicembru 2006, u kull darba illi l-appellant ma jottemporax ruhu ma' dawn l-ordnijiet kienet taghmel sensiela ta' rapporti biex l-appellant spicca jservi zmien ta' detenzjoni peress li kien fl-impossibilita` illi huwa jaderixxi ma' dawk l-ordnijiet.

Sussegwentement fil-mori ta' dawn il-proceduri l-appellant intavola rikors guramentat quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn talab li ssir revizjoni tal-ordni moghtija mill-Qorti. Din it-talba giet milqugha u fis-7 ta' Dicembru, 2010 il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kienet issospendiet l-obbligu tal-attur li jhallas il-manteniment indikat lill-martu, filwaqt illi rriduciet l-ammont ta' manteniment dovut lit-tifel minuri ghal mitt Euro fix-xahar. Din l-ahhar cifra kellha tigi mhallsa b'effett mit-8 ta' Marzu 2007. Dan ifisser kwindi illi s-sospensjoni tal-obbligu li jhallas il-manteniment lil mara bdiet tiehu l-effett taghha mid-data tad-digriet u cioe` mis-7 ta' Dicembru 2010, kwindi qabel din id-data l-ordnijiet moghtija mill-qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 2005 baqghu fis-sehh u l-appellant kellu jaderixxi maghhom.

Fil-kawza moghtija mill-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs Anthony Saliba" [15 ta' Lulju 1998] il-Qorti qalet : *".........jekk persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahix mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandhu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli li l-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jotjeni tali modifika, li jkun jista` jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa` marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet."*

Teknikament, kwindi, minkejja d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tas-7 ta' Dicembru, 2010, l-appellant xorta huwa tenut ihallas l-arretrati dovuti lil martu Emanuela Cauchi sa dik id-data tad-digriet.

L-akkuza tirrizali ghal 20 ta' Ottubru, 2009, fejn l-ewwel ordnijiet kienu ghadhom fis-sehh u l-appellant kien marbut bl-obbligu ghall-hlas skond l-istess ordnijiet. Ghalhekk l-appellant ma qdiex dan l-obbligu u ma hallasx, allura

qieghed fi ksur tal-ligi u l-Ewwel Qorti ghamlet sew illi sabet lill-appellant hati tal-kontravenzjoni lilu addebitita.

Pero` minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora ghal kollox id-digriet tal-Qorti Civili tas-7 ta' Dicembru 2010 u thoss illi almenu ghandu jsir temperament fl-ghoti tal-piena.

L-Ewwel Qorti bir-ragun ikkundannat lill-appellant ghal gimghatejn detenzjoni, aktar u aktar meta rat li dana kien ripetutament qed jinjora l-ordnijiet tal-Qorti u d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), li mmodifika l-manteniment, ma kienx ghadu inghata.

Issa pero` s-sitwazzjoni hija differenti u l-Qorti ma tistax tinsisti illi jkompli fis-sehh l-ordni ta' detenzjoni moghti mill-Ewwel Qorti aktar u aktar meta l-appellant diga` ghadda perjodu ta' detenzjoni in konnessjoni ma kontravenzjonijiet simili precedenti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-23 ta' Novembru 2009 fejn sabet lill-appellant hati tal-kontravenzjoni  lilu addebitat, tirriforma s-sentenza ghal dak illi jirrigwarda il-piena u minflok wahda ta' gimghatejn detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------